*Kunsill Lokali Marsaskala*
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 58**

**It-Tlieta 23 ta' Jannar 2024.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u mxandra fuq il-facebook page tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri - Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Patrick Camilleri-Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

| | |
|---|---|
| **58.1** | ***Qari t'apoloġija:***<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm ittra t'apoloġija tal-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri. |
| **58.2** | ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 57 li saret Nhar it-Tnejn 18 ta' Dicembru 2023:*** |
| **58.2.1** | ***Korrezzjoni tal-Minuti:*** |
| **58.2.1.1** | **Il-minuti ġew unanimament approvati hekk kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda l-Kunsillier il-Perit John Schembri. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni. |
| **58.2.2** | ***Matters Arising tal- Laqgħa 57 li saret Nhar it-Tnejn 18 ta' Dicembru 2023:*** |
| **58.2.2.1** | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 2 paragrafu 57.2.5 hemm in-numru ta taħt li hu nieqes u xtaq jgħid illi saret modifikazzjoni fit-tappieri n-naħa tax-xatt min naħa ta' Ġanni l-ħaddied u dawn ma baqgħux u l-ilmenti ġew indirizzati. |
| **58.2.2.2** | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja 57.2.2.6 qal li tkellmu fuq il-laqgħa li kellu mal-Avukata is-Sinjura Sharon Muscat rigward Triq l-Għassies fejn hemm l-appartamenti tal-laylay u li minkejja li hi talbet xi ħaġa li stajna evitajna pero issa tweħħlu t-tabelli kollha li kien hemm bzonn u jidher li din il-persuna tinsab kuntenta b'din l-inizjattiva. |
| **58.2.2.3** | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq pagna 4 artiklu 57.7.2 fejn hu kien qal li ser jipprova jkellem il-persuna li għamel il-petizzjoni fuq l-isleeping policeman pero għad ma kellux l-opportunita' li jkellmu. |
| **58.2.2.4** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq 57.2.2.1 it-tieni paragrafu fuq jekk għandniex xi feedback fuq Triq l-Iskal.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tkellem mal-kuntrattur u jidher li l-problema li kien hemm kienet li kien hemm dispute bejn il-kuntrattur u l-water works fejn is-soltu jagħmlu zewġ katusi fuq il-bankina u din id-darba għamlu waħda biex jgħatu s-servizzi minnha. Hu infurmat illi għad fadlilom xahar u nofs ieħor biex titlesta.<br><br>Is-Segretjaru Ezekuttiv qal illi *Infrastructure Malta* mhijiex obligata tibqa bl-istess kuntrattur.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi wara li titlesta Triq l-Iskal hemm il-pjan li titlesta Triq Dawret it-Torri umbaghad Triq La Sengle, hu staqsa jekk Triq Sant Anna hux imnizzla fil-pjan ta' hidma.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi jidirlu li qeda fil-pjan pero ma jafx ezatt għal meta ser issir.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi mhux qeda għaliex dik fiha bicca xogħol kbira ħabba l-ħxuna tat-triq u r-ristoranti pero din it-triq mhijiex fi stat ħazin. |
| **58.2.2.5** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq artiklu 57.3.3 is-sigurta fit-toroq ta' Marsaskala fejn qal illi innota iz-zeda ta talbiet mingħand ir-residenti sabiex isiru *sleeping policeman*. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hawn hafna qziz bil-karozzi u din il-ġimgħa kien hemm ħabta oħra fejn hemm l-entratata tal-grawnd tal-futbol u setat kienet fatali. Hu qal illi għandna nuzaw l-għodda kollha li għandna inkluz l-Pulizija, Wardens eċċ forsi jinvestu fi *speed gun* u dan il-qziz jiqaf. |

| | |
|---|---|
| **58.2.2.6** | Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi huma għandhom speed gun pero tajjeb li jiġu aktar ta' spiss in-naħa ta San Tumas, Triq il-Qaliet u Triq ix-Xatt.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi mhux cert jekk il-Pulizija għandhomx dan l-*ispeed gun.* Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kellmu resident fejn kellu bzonn l-għajnuna fuq kaz ta' abbuz ta sewqan u hu qabdu mall-Pulizija tal-Lokal u dawn qed jieħdu passi. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dawn l-problemi ma tfaqqax subajk u jsiru pero nipprovaw nieħdu passi issa aktar u aktar għaliex fetħet għassa ġdida u mgħammra tajjeb.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi rigward il-lift kien hemm tender li waqgħet allura trid toħrog tender ġdida biex jitkompla dan il-lift għaliex dan hu bzonjuz għal ħafna nies.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi tajjeb li allura jitneħħew iz-zewġ containers li hawn ħdejn il-Kunsill.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dak tal-Pulizija ser jitneħħa daqt, kompla jghid illi hu kien staqsa jekk il-Kunsill jistgħax izomm dan il-container sabiex isir store pero kien infurmat illi dan xorta għandhom bzonnu l-Pulizija għaliex ser jittieħed l-Imsida biex tittranġa l-għassa ta hemm ukoll. |
| **58.3** | **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>** |
| **58.3.1** | **<u>Oil Painting canvas for Good Friday:</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din opportunita' li ma stajnix nitilfu kemm il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u kemm il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud jafu biha ukoll, hemm artist li għamel esebizzjoni tal-arti fil-Kunsill u fosthom kien hemm pittura ta waħda mill via crucis u vera kienet sabiħa u peress illi l-Kunsill investa f'dawk il-poles ġewwa l-ġnien fil korsija li tibqa tila għal ġol knisja u saqsih biex itina kwotazzjoni għal għaxar pitturi fuq il-canvas u staqsa jekk dawn humiex ser jiġi affetwati mill-elementi tan-natura u qal illi dawn ikunu bil-verniċ allura protetti. Hu tana stima u ġibna stima ta zewġ artisti oħra fejn hu kien l-orħos hu qal illi dawn il-fondi qed jipprova jieħu l-għajnuna tagħhom mir-reġjun u l-Ministeru tal-Kultura fejn huma lesti li għatu l-għajnuna tagħhom u flok ngħamlu attivita' ta ġimgħa sagra ikunu qed jgħatu għajnuna għal dawn il-pitturi fejn dan hu proġett sostenibli li ser jibqgħu għandna u kull sena ser jintuzaw għal ġimgħa l-kbira, kif ukoll tkellem mall-Kappillan biex jara jridx xi permess mill-kurja u jidher li ma hemmx bzonn għaliex mhux ser ikunu fil-knisja pero din ser tkun parti mill funzjoni tal-ġimgħa l-kbira.<br><br>Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet jekk hux impenġijin.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dawn huma mpenġijin.<br><br>Il-Vici Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi z-zewġ kwotazzjonijiet l-oħra li ġibna mhumiex ta' artisti.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dawn il-kwotazzjonijiet huma ta' artisti oħra.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi peress illi kien fadal flus mill budget tal-Christmas village u l-banda kienet ser tigi mħallssa mir-Regjun, fejn minflok ser titħallas mill flus tal-Christmas village u allura parti mill-ispejjez se jingħataw mir-Reġjun. |
| ➢ | ***Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar dahal ghal laqgha fis-6:30pm.*** |

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jixtieq jgħamel zewġ suġġerimenti, l-ewwel net li jkollna l-camera tal-Kunsill taqbad il-korsijja kollha bħala sigurta.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi kif inhuma bħalissa ma jiġbdux il-korsija.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal jista jkun nistgħu nirrangawhom biex juru l-korsija aħjar.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli staqsa jekk dak li kien jigri xi snin ilu rigward fjakkoli kunċert u marċ funebri staqsa hux ser isiru.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ma jistawx naffordjaw li ngħamlu dan pero nistgħu ngħinu l-banda biss bil-fuljett.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi l-flus li konna nuzaw għal daw l-attivitajiet ser jintuzaw għal pitturi.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu infurmat li ser issir xi attivita' fis-sala.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li jixtieq li jinħoloq pjan fejn ser nqedu dawn il- pitturi meta mhux ser ikunu qed jintuzaw biex ikunu siguri u ma jistgħux jiġrilhom ħsara.<br><br>Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu jifem li dawn tista iddawarhrom bil-plastik u jintrefaw.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja staqsa lil Kunsillier is-Sur John B Camilleri jekk jistax isir xi dawl temporanju min taħt l-inkwatri. |
| **58.3.2** | ***<u>Microphone solution online streaming</u>***:<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal li għalissa din is-soluzzjoni hi premilinarja u tajjeb li jsir meeting bejn il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u l-persuna li tieħu ħsieb dawn il- mikrofoni. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi dan semma ċertu affarijit li huma kemxejn ikkumplikati.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi qed jislifomna biex ngħamlu *trial period* bihom pero hu mgħandux problema li jiltaqa miegħu u jaraw x'inhu l-aħjar mod. |
| **58.3.3** | ***<u>SPI.SCI.1.2024 Skema dwar restawr ta' postijiet monumenti storici (35/0146/24/I):</u>***<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal li hemm skema biex tiġi restawrata statwa u hemm dan il-persuna li għandu statwa mad-dar tiegħu li jixtieq li tiġi restawrata dan għamel dikjarazzjoni li hu ma jsibx oġġezzjoni jekk nirrestawraw din l-istatwa tal-kunċizzzjoni li għandha bzonn għaliex għandha ħafna ħsara u għalhekk tajjeb li nidħlu għal din l-iskema.<br><br>Kien hemm qbil unanimu. |
| **58.3.4** | ***<u>Open day fil-Magħluq:</u>***<br><br>Is Sindku s sur Mario Calleja qal illi hu attenda għal laqgħa fejn anke l-Viċi Sindku kienet prezenti.<br><br>Il-Vici Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hi attendiet għal din l-open day fejn saret sabiex juru xi progress sar u x'ġie imħawwel u kif ġie rihabilitat il-buzaq. Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi kien hemm nies min naħa tan-nature trust li taw spjegazzjoni ta x'wieħed għandu jgħamel jekk tiltaqa ma xi annimal abbandunat li hu protett fost ħafna informazzjoni oħra kif ukol qalu li ser ikomplu bil-boundary wall. |

| | |
|---|---|
| **58.3.5** | ***<u>Progetti fil-komunitajiet 2024 (35/0148/24/I):</u>***<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi rigward il-proġett li kellu jsir fiz-zewġ areas ta taħt il-lattrina, dak it tender ġie aġġudikat u l-apparat wasal u l-kuntrattur jista jaħdem pero kelna l-problema li nbiddel il-Perit għal diversi drabi pero issa nistgħu naħdmu bil-Perit il-ġdid u ser jipprova jsir meeting mall-kuntrattur u l-Perit fejn ser jinqala l-apparat kollu li hemm u jinbidel għal dak ġdid u x-xogħol għandu jibda f'dawn it-tlett ġimgħat li ġejjin.<br><br>Il-Vici Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet jekk dan hux ser isir bil-flus ta l-iskema ta' qabel għaliex LESA ħarġet skema ġdida li nistgħu napplikaw għaliha.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi nistgħu napplikaw għal proġett ieħor.<br><br>Il-Vici Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li tajjeb li naqblu kollha fuq proġett ieħor u napplikaw għalih.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi avviċinawh min naħa tal-kumpanija *nestle* sabiex isir xoghol fl-Ispazju Krejattiv Alfred debono.<br><br>Il-Vici Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li kienet ridet li issir bandla tat-toddlers fil-bandli taz-Zonqor pero ma kinitx saret.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi ma tistax izzid ma l-istruttura li hemm diġa għaliex mbad ma tibqax bl-istess standards.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja  staqsa jekk nistgħux nibdlu l-istruttura.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi ma hemmx bizejjed spazju.<br><br>Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet jekk nistgħux napplikaw biex nagħlqu Triq ix-Xatt għal weekend biex naraw kif imorru forsi l quddiem issir pedonali.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi in-nies ta Triq Sant Anna kienu kritikawna ħafna meta konna provajnija.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi nistgħu nbiddlu l-pavimentar ta' Triq ix-Xatt fuq il-promenade.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hemmhekk irid isir proġett ħolistiku, hu qal illi bħalissa qed issir prova u qed tingħalaq Pjazza Mifsud Bonniċi u qed nipprovaw nagħlqu l-culvert li dejjem jitla l-ilma baħar minnu. |
| **58.3.6** | ***<u>Marsaskala Bocci club (35/0120/34/I)</u>***<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-klabb tal-boċċi dejjem kellu mwejjed u siġġijiet u issa qed jitolbu permess lilna peresli l-ġnien ġie devolut lilna u għalhekk qed jitolbu permess biex ikunu jistgħu joħorġu mwejjed u siġġijiet.  Min naħa tiegħu hu qal li ħadd m'għandu jsib oġezzjoni dejjem jekk izommu l-ispazzju neċessarju għal pram jew wheelchair.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Kunsill għandu devoluzzjoni tal-ġnien kollu minbarra  l-grawnd tal-boċċi u l-gabbana tat-Tifanny's.<br><br>Kien hemm qbil unanimu li ma nsibu l-ebda oġġezzjoni. |

| | |
|---|---|
| **58.3.7** | ***<u>Trainee Counselling services – Placement request:</u>***<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi din il-persuna avviċinat lill-Kunsill għaliex hi għadejja b'kors ta counselling fejn parti min dan il-kors hu li tgħati ammont ta siegħat b'xejn f'servizz ta' Counselling u tixtieq li tgħamlu f'Marsaskala u min naħa tagħna offrenila t-*training centre* fil-ħin li ma jkunx hemm Vince u kull ma talbet hu reklam fuq facebook.<br><br>Kien hemm qbil unanimu. |
| **58.3.8** | ***<u>Haddiema tar-Regjun:</u>***<br><br>Saru taħditiet mar-regjun fejn irnexxilna inġibu zewġ ħaddiema biex jagħmlu xogħol fi Ġnien Charles Clews. |
| **58.3.9** | ***<u>Ċerimonja fi Ġnien Sant Anna:</u>***<br><br>Kellna koppja Inglizija li għazlet tagħmel ċerimonja ċivili fil-Ġnien Sant Anna. |
| **58.3.10** | ***<u>Funeral ta' Sur Wallance Cassingena:</u>***<br><br>Ippartiċipajna fil-funeral tal-mibki is-Sur Wallace Cassingena persuna li għamel ħafna ġid f` raħalna fejn sarlu marċ funebri mill-Kazin tal-banda ta` Marsaskala. |
| **58.3.11** | ***<u>Programm ghaddi s'hawn:</u>***<br><br>Slot fuq PBS fil-programm għaddi s`hawn prezentat minn Antonella Vassallo fejn id-diskutejna l-obezita u biex isiru aktar ezerċizzi fiżiċi fil-lokal. |
| **58.3.12** | ***<u>Tournament tan-nursery:</u>***<br><br>Attendejna għall ftuħ tat-tournament tan-nursery bejn l-Awstrijakki u Marsaskala fil-grawn tal-futboll ta` Marsaskala. |
| **58.3.13** | ***<u>Laqgħa mas-Sindku ta Palau ġewwa Sqallija:</u>***<br><br>Kelli laqgħa mas-Sindku ta` Palau ġewwa Sqallija bil-possibilita' li jsir ġemellaġ magħna. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu spjegalu li kien diffiċli peress li aħna diġa qiegħdin ma Bellagio. Minn naħa tiegħu għamel kuntatt mal-Kunsill Lokali f`Marsaxlokk. |
| **58.3.14** | ***<u>Dawra mal-Lokal biex isir patching:</u>***<br><br>Flimkien mall-*contracts manager* dorna dawra t-toroq ma` Jake il-Kuntrattur tal-patching jimtlew hofor fit-toroq tagħna wara il-maltemp. |
| **58.3.15** | **<u>Ftuħ tal-Ghassa l-ġdida f'Marsaskala:</u>**<br><br>Wara stedina minn naħa tal-Ministeru tal-Intern attendejt il-ftuħ tal-għassa l-ġdida f`Marsaskala. |
| **58.3.16** | ***<u>Attivita' organizzata min Project Green:</u>***<br><br>Wara stedina mill-Project green attendejna għat-thawwil ta xtieli tal-mejda biex meta jikbru jingħataw d-djakonija għall nies vulnerabbli. Kien hemm parteċipazzjoni tan-nursery tal-futboll. |
| **58.3.17** | ***<u>Kawza il-qorti kontra is-Sur Harry Caruana:</u>***<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal li attendejt kawza il-qorti Pulizija kontra Harry Caruana. Din ġiet diferita għal darba oħra. |

| | |
|---|---|
| **58.3.17** | ***<u>Mechanical sweeper:</u>***<br><br>Wara ħafna taħditiet waslet ukoll il-*mechanical sweeper* u dalwaqt ukoll jiġi robot. Saru modifikazzjonijiet fuq dawl u ilma minn naħa tal-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri. |
| **58.3.18** | ***<u>Laqgħa mas-Sur Ernest Scicluna mill-Project Green:</u>***<br><br>Laqgha mas-Sur Ernest Scicluna mill-Project Green biex tinbidel l-ħamrija mill-pots ta` max- xatt u jitħawwlu siġar ġodda. |
| **58.3.19** | ***<u>Sistema temporanja biex tisolva l-problema tal-ilma baħar:</u>***<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi qed nippruvaw insibu sistema temporanja biex insolvu il-problema tal-ilma baħar li jitla l-art anke fl-istaġun tas-sajf. Bdejna fi pjazza Mifsud Bonniċi u jekk tirnexxi nagħmlu l-istess fi Pjazza Dun Tarċiz. |
| **58.3.20** | ***<u>Arblu tal-Christmas tree:</u>***<br><br>L-arblu tal- Christmas tree din id-darba mhux ser jitnizzel u ser jintuza mill-grupp tal-armar biex jittellaw bnadar skond diversi okkazzjonijiet magħtul is-sena speċjalment fix-xahar tal-festa. |
| **58.4** | ***<u>Twegibiet ghall Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:</u>***<br><br>Ma kien hemm l-ebda mistoqsija. |
| **58.5** | ***<u>Rapporti</u>*** |
| **58.5.1** | ***<u>Rapport ta' kull kwart Ottubru sa Dicembru 2023:</u>***<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv spjega ir-rapport ta' kull kwart.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Kunsill jidher li jinsab f'pozizzjoni tajba ħafna u qiegħed mal-aħjar Kunsilli f'Malta u Għawdex anke wara li nefaq spiza kbira sabiex isir il-bini il-ġdid. |
| **58.5.1.2** | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal jixtieq li l-Kunsill jara x'jistgħa jsib biex jidaħħal s-servizz ta' ħlas bil-card.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-problema hi r-rikonċiljazzjoni ta' ċertu ħlasijiet_pero ser jaħsiba la darba jkun hemm deċizjoni finali fuq l-*accountant.* |
| **58.5.1.3** | Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hu qal lill Awditur ġenerali illi jħoss li hemm bzonn li jkun hemm *pool* ta' *accountants* li jkunu jistgħu japplikaw għal tenders mall-Kunsill għaliex dawn għandu jkollhom ideja ċara ħafna tax-xogħol tal-Kunsill u mhux ikun hemm accountant li għadu ħiereġ mill-Universita' li ma għandu l-ebda esperjenza ma Kunsilli Lokali u jispiċċa jitfa l-Kunsill lura. |
| | Jipprononi l-approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u jissekonda l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri bil-votazzjoni tkun 8 favur 0 kontra 0 astenzjoni. |
| **58.5.2** | ***<u>KLM2023/07 Services of an Accountant and Accountant technician to the Marsaskala Local Council:</u>***<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-bord tal-aġġudikazzjoni evalwa sitt offerenti għal dan it-tender u qed jirrakomanda li l-offerta tingħata lil Accountant is-Sinjura Doreen Mintoff għaliex ġiet *technically financially and administratively compliant* u tefgħet l-orħos offerta. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hemm problema zgħira għaliex kien hemm bidder li ġie orħos pero gie *financially non compliant*. |

| | |
|---|---|
| | Il Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk dan il-bidder li kien l-orħos huwiex compliant.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv Is-Sur Josef Grech qal illi kien hemm diskrepanza fl-amont li tefa fl-amont finali ma kienx jaqbel ma dak li tefa fil-BOQ's. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-pass li jmiss hu li l-Kunsill jaċċetta din il-proposta mbgħad jista jkun hemm appell. |
| | **Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-aġġudikazzjoni ta' din l-offerta lis-Sinjura Doreen Mintoff u l-Kunsillier is-Sur John Schembri issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.** |
| **58.5.3** | ***KLM 2023/08 Tender for the cleaning, upkeep and maintenance of public gardens and soft areas in Marsaskala using environmental friendly products and practices:***<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi kien hemm total ta' tmien offerenti u kien fadal biss tnejn li kienu *administratively financially u technically compliant*. Dawn kienu WM environmental u Callus Garden centre pero l-orħos offerent huwa Callus garden centre. Il-bord ħareġ amont kbir ta kjarifikazzjonijiet u kien hemm tnejn minnhom li ma irrispondewx għal dawn il-kjarifikazzjonijiet.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John Camilleri qal illi l-importanti hu li min l-ewwel ġurnata noqgħodu attenti għax xogħol li jkun qed jgħati biex ma nerġgħux ngħaddu mill-istess esperjenza li kellna mall-kuntrattur attwali.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi għandha issir laqgħa mall-kuntrattur fil-prezenza tiegħu tas-Sindku kif ukoll mall-Contracts manager fejn induru it-tender miegħu u jtina l-programm tax-xogħol speċjalment in-nuqqasijiet li l-Kunsill kellu mall-Kuntrattur attwali.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm ammont ta' washingtonia mejtin mal lokal u tajjeb li naħdmu miegħu biex dawn jibdew jinbidlu għax għalkemm ma hemmx kwantita' kbira ħafna pero li hemm iridu jinbidlu.<br><br>**Il-Kunsillier is-Sur John Schembri ippropona l-aġġudikazzjoni ta' din l-offerta lil Callus garden centre u l-Kunsillier -Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.** |
| **58.6** | ***Items oħra ta xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:***<br><br>Ma kienx hemm items oħra. |
| **58.7** | ***Korrispondenza:*** |
| **58.7.1** | ***Trasferiment tal-leave tal-ħaddiema klerikali mis-sena 2023 għas-sena 2024:***<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-awdituri talbu l-ammonti ta leave tal-ħaddiema bħal ma jitolbu kull sena u qed jipprezentahom quddiem il-Kunsill:<br><br>Lucille Bonnici – 102.5 hrs<br>Rebecca Micallef – 3hrs<br>Sharon Schembri – 13 hrs<br>Marthese Scibberas – 3 hrs<br>Sandra Mallia – 45hrs<br>Claire Attard – 52hrs<br>Chantel Zammit – 93.3 hrs. |
| **58.7.2** | ***Supervisor (Contracts Manager) Scale 16:*** |

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi qed isegwi s-sistema li qed jieħu il-Kunsill Lokali taz-Zejtun fejn ikun aħjar li timpjega lil xi ħadd milli toħrog tender.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Contracts manager li għandna magħna peresli kien b'tender ma kumpanija li ngaġġat dan il-persuna bħala spiza hija ħafna għola milli kieku dan il-persuna jkun taħt skala 16 impjegat mall-Kunsill Lokali ta' Marsaskala.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli staqsa kemm hu l-ħlas taħt skala 16.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi jqarreb għal €16,000 fis-sena.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal ili b'dak il-prezz mhux ser ikun attrezzat b'kwalifiċi kif suppost għaliex dan għandu jkun kapaċi jara kuntratt, jifhem fil-public procurement fost affarijiet oħra.

Il-Vici Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li skala 16 tħallas ħafna inqas min hekk bejn wieħed u ieħor €12,800 fis-sena.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi s-servizz bħalissa hu ta 20 siegħa u mhux 40 siegħa.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli staqsa jekk dan hux ser ikun persuna li għandu l-kwalifiki neċessarji.

Il-Kunsillier is-Sur Josef Grech qal illi għadha ma ħarġitx *job description* dettaljata min naħa tad-Dipartiment.

Il-Vici Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi tezisti deskrizzjoni li ħarġet mid-dipartiment.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jekk ser nsibuh b'ċertu kwalifiċi irridu ninsew li ser nħallsu dawk il-prezzijiet.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi *contracts manager* apparti li irid ikun jikteb sew bil-malti u ngliz irid ikun jaf l-ispecifikazzjonijiet ta kull kuntratt li qed jieħu ħsieb hu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jridu ikun tajjeb biex joħrog anke rapport.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Contracts manager kien ukoll jissorvelja l-haddiema tal-RSS kif ukoll jekk ikun hemm xi hofor u bankini hzina.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu jmur anke mall-kuntratturi meta jkunu qed jahdmu bhal meta jibda jsir patching.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-ewwel trid toħroġ sejħa interna imbad tmur jobsplus fuq phase 1 umbad jekk ma jkun hemm ħadd interessat imorru għal part 2 u jekk xorta ma ssib il-ħadd tmur għal part 3.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk dan jiġi ngaġġat mall-Kunsill jaqax taħt kuntratt indefinit.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi jkollu probation ta 6 xhur imbad jibqa ngaġġat mall-Kunsill fuq kuntratt indefinit.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dan jiġi parti mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi tajjeb li nqabblu kemm qed jitħallas bħalissa ghal kemm ikun qed jitħallas kieku taħt l-iskema.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi bħalissa qed nħallsu € 2,200 fix-xahar għal 20 siegħa fil-ġimgħa, il-ħlas fuq skala 16 ikun ta' bejn wieħed u ieħor €1,400 fix-xahar b'40 siegħa fil-ġimgħa.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi kieku dan jaħħdem 40 siegħa kieku irridu nħallsu total ta' €4,400.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi dan ix-xogħol għandu responsabilita' kbira għalhekk mhuwiex biss supervisor.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tajjeb nfittxu xi kriterji għandu jkollu *contracts manager* u nimxu min hemm.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi fit-tender prezenti waħda mir-rekwiziti kienet dik ta level 5 fuq *management/project management or similar*.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal iġifiri jekk il-Kunsill qed jingaġġa persuna b'tender u rebaħ kuntrattur u dan ingaġġa persuna sabiex ikun qed jieħu ħsieb ix-xogħol ta' contracts manager mall-Kunsill u tatna isem il-persuna li ser ikun ingaġġat bħala *contracts manager* u dan il-persuna ma jkollux ir-rekwiziti li talab il-Kunsill dan it-tender għandu jaqa. Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi qed jitkellem hekk biex ma jkollnix problem fil-kuntratt li jmiss.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi dan hu investiment u jifranka ħafna xogħol lill Kunsilliera.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi jaqbel li dan hu investiment kif ukoll jaqbel mall-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon meta qalet li jekk ser ngħamluha irridu nimxu mar-regoli kollha tal Gvern ta kif ser toħroġ din is-sejħa u jekk hi ta' vantaġġ għal Kunsill anke jekk ser nonfqu aktar aħna nafu li l-akbar problema li għanda fil lokalita' ta' Marsaskala huwa dak li qed jigri fuq tindif u l-upkeep tal-ambjent u jahseb li jekk nitfaw rasna sew fuqha u naraw kif ser nindirizawha jkun investiment siewi hafna u jekk issir kif suppost ma jkollnix problem wara.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu jemmen li l-persuna li għandna bhalissa anke jekk m'għandiex il-kriterji li għandhna bzonn dan jisfa imbikkem bit-trattament ta ċertu kuntratturi u għalhekk għandna nagħzlu kuntratturi tajbin alavolja hemm kuntratturi tal Gvern li l-Kunsill m'għandux x'jaqsam magħhom pero jekk il-kuntrattur ma jkunx irid jikkolabora, l-ebda contracts manager ma jista jgħamel xejn.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Kunsill irid jifhem illi f'kaz li jkun hemm bzonn għandhom joħroġ default notices fejn ikun hemm nuqqasijiet għaliex inkella insibu problema meta niġu biex jaġġudikaw tenders oħra għax jekk jerġgħa jitenderja l-istess kuntrattur ma nkunux nistgħu ngħidu li dan ma tanix is-servizz tajjeb bizejjed u d-default notices huma l-prova ta' dan.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dan suppost qiegħed hemm biex isegwi il-kuntratturi u dan irid ikun l-għajnejn tas-Sindku u l-Kunsilliera għaliex ma jistghax ikun li s-Sindku u l-Kunsilliera joqgħodu għassa għal kuntratturi u tajjeb li dan il-persuna jkollu grinta u jgħamel xogħolu kif suppost u mhux qiegħed jgħid li dan li għanda fil-prezent mhuwiex jgħamel ħiltu kollha pero hu jara l-kuntratturi li meta tiġi tinegozja magħhom id diskors ikun differenti min meta għandhom bzonn jatwawh u dejjem jiprovaw jieħdu raġun u għalhekk dan il-persuna irid ikun sod. Hu qal illi rigward is-siegħat jekk ha ninpjegawh b'40 siegħa fil-ġimgħa tajjeb li nkunu ċerti li dan qed jaħdem dawn is siegħat kollha. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jieħu ħsieb biss kuntratt tad-dawl u dan joħodlu ħafna siegħat kuljum aħseb u ara fuq ħafna kuntratti.

| | |
|---|---|
| | Is Sindku s Sur Mario Calleja qal illi hu ma jemminx li biex persuna tara mill hazin ghat tajjeb ghandu ghalfejn ikollu diploma.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal jekk ser ningaġġawh mall-Kunsill fuq skala 12 jew 11 irid ikollu kwalifikazzjonijiet . Il-Contracts manager irid ikollu MQF level 5 inqas min hekk ma jistgħax ikun ingaġġat magħna.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu nfurmat li hawn Kunsilli li għandhom nies mill komunita' li jgħamlu dan ix-xogħol.<br><br>Il-Perit John Schembri qal illi hu jħoss li għal lokal tagħna li jkollna supervisor huwa bizejjed. |
| ➢ | ***Il-Kunsillier il-Perit John Schembri hareg mil laqgha fis-19:15.*** |
| | Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hu jhoss li b'kuntratt għandek aktar ċans li jekk dan ma jibdiex joġġħbok tista tbiddel il-kuntratt meta jiskadi pero jekk tingaġġah miegħek dan ma tistgħax tagħmlu.<br><br>Kien hemm qbil li jerġa jiġi diskuss dan il-punt fil-laqgħa li jmiss. |
| **58.7.3** | ***Curn Embellishment dimensions DV Marsaskala (Dar Velazquez proposed embellishment of public space):***<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dan is-suġett ġa idiskutejnih f'laqgħat oħra pero hemm bzonn ta' update.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi mar mall-Kunsillier is-Sur John B Camilleri fuq il-post u jidher li kull mhu ħa jagħmel hu jidritta l-bankina u ma jħossx li għandna nwaqfuh.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-bankina ser toħroġ skond ir-rekwiziti tas-CRPD.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm zewg pjanti fil-korrispondenza u jidher li fuq waħda minnhom jidher li hemm kontinwazzjoni tal-bankina.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dan qed jisuġerixxi li joħrog 1.5mtrs mill bieb li għandu fin-nofs, kif ukoll il-un/loading bay ser timxi min quddiem il-garaxx u issa titmexxa f'nofs l-isqaq li xorta waħda ma hemmx lok ta parkeġġ b'hekk ma jkunx qed itellef parkeġġ. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hemm ha jkun hemm wine bar u ser ikun hemm zewg siġġijiet kif ukoll ser jieħu ħsieb il-pjanti li hemm faċċata tiegħu.<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li ssir din l-estenzjoni tal-bankina. |
| **58.7.4** | ***Petition repairs in housing estate Triq il-Qrempuċ:***<br><br>Il-Vici Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hemm skema tal-housing authority li bħala Kunsill nistgħu napplikawlhom pero jrid ikun hemm *administrator* li jara li x-xogħol qed isir.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi nistgħu nitkellmu mall-*housing authority*.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-ittra inidirzzata lill housing u mhux il-Kunsill.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi bħala Kunsill nistgħu nkellmuhom ukoll. |

| | |
|---|---|
| 58.7.5 | ***<u>Road pothole in Triq id-Daħla ta' San Tumas (35/0078/24/I):</u>***<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dan il-persuna prezenta l-Kunsill b'kont ta tyre li għamel id-danni fuqu fil-lokalita' ta' Marsaskala fejn jidher li saret.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi il-qasma li għandu fuq it-tyre tider li ġrat għax ħabata mal-bankina u mhux għax daħal ġol pothole.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi irridu in-neħħu l-parking bay li suppost diġa tneħħiet u jsir *yellow line* minflok.<br><br>Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet f'dak il-post iduru b'hafna saħħa u hi tissuġerixxi li tiġi eliminata biċċa bankina għaliex ma tintuzax ħlief biex jipparkjaw fuqha.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi kien hemm mozzjonijiet biex icentral strip titneħħa u jekk din issir hekk titwessa it-triq. |
| | Kien hemm qbil li din tiġi investigata fuq il-post u tittieħed deċizjoni wara. |
| 58.7.6 | ***<u>Servizz u ġbid ta' vetturi mill-iskola San Ġwakkin minn Marzu sa Dicembru 2023 (35/4656/23/I):</u>***<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu tkellem ma dak li jgħati s-servizz tat-towing u qallu biex jiqaf. Min dak iz-zmien itowja zewġ karozzi u jitħallas kull darba li jiġi u ser isir kuntratt miegħu li jindika dan kif ukoll jekk il-Kunsill jitlob s-servizz tiegħu tat-towing u l-persuna tilħaq tiġi tressaq il-karozza jħoss li għandu xorta jitħallas.<br><br>Kien hemm qbil. |
| 58.7.7 | ***<u>Performance Bonus Segretarju Ezekuttiv u Haddiema klerikali ghas-sena 2023:</u>***<br><br>Kien hemm qbil unanimu li jingħata dan il-performance bonus lill ħaddiema klerikali ta' 6% u sa 10% tas-Segretarju Ezekuttiv. |
| 58.7.8 | ***<u>Performance Bonus ħaddiema tal-komunita u RSS għas-sena 2023:</u>***<br><br>Kien hemm qbil unanimli li jingħata dan il-*performance bonus* lill ħaddiema tal-RSS kif ukoll tal-komunita'. |
| 58.8 | ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti:</u>*** |
| 58.8.1 | Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq pagamentu nru 5621 fejn hemm rifuzjoni tal-flight tickets pero jidher li mhumiex maqsumin l-istess għal kulhadd.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hemmhekk il-flights min Malta għal Sherbourne u lura u waħda mill-ħaddiema ħalset bir-revolut direttament bil-euro u l-oħrajn kellhom iħallsu bl-isterlina allura il-pagament ried jiġi irranġat fuq zewġ pagamenti minflok f'wieħed. |
| | ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjonijiet.*** |
| 58.9 | ***<u>Mozzjonijiet:</u>***<br><br>Ma kienx hemm mozzjonijiet. |

| | |
|---|---|
| **58.10** | ***<u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss:</u>***<br><br>L-Agenda ġiet ezawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8:30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 19 ta' Frar 2023.<br><br>Ikkonfermat illum 23 ta' Jannar 2023.<br><br>IFFIRMAT IFFIRMAT<br>_______________ _______________<br>**Josef Grech** **Mario Calleja**<br>**Segretarju Ezekuttiv** **Sindku**<br><br>Minuti tal-Kunsill LOkali Marsaskala – Laqgha Numru 58 it-Tmien legislatura. |